# Il-Ħuttafa

numru 107 Novembru - Diċembru 2011



Poster fin-nofs

Blonġun Sekond

il-magażin ta' Klabb Ħuttaf




Issa li għamlet ftit xita sew, jibda' jitfaċċa l-faqqiegħ.



Victor Falzon

## editorjal

# Ħbieb Ħuttaf !

Fi żmien il-Milied dejjem jitfaċċa f'Malta xi ċirklu, u dawn kważi dejjem ikollhom spettakli bl-annimali. Jiġu daż-żmien biex taparsi jżidu mal-ferħ tal-festi. Tgħidli xejn x'ferħ iħossu l-annimali jitbellhu quddiem tinda ppakkjata nies iċapċpu. Għalina dawn ix-xows forsi jidhru sbieħ, imma għall-annimali dawn ix-xows mhuma sbieħ xejn. Għalihom huma infern!

Għalhekk jekk tħobbu l-annimali tmorrux iċ-ċirklu.

Fiċ-ċirklu taraw iljuni u iljunfanti jagħmlu affarijiet kontra n-natura tagħhom. Libsin ħwejjeġ tan-nies, jimxu fuq żewġ saqajn, jaqbżu minn ġon-nar, u ħmerijiet oħrajn. Dawn l-affarijiet iwaqqgħu l-annimali għaċ-ċajt.

Għalhekk jekk tħobbu l-annimali tmorrux iċ-ċirklu.

Biex dawn l-annimali jitgħallmu t-triks jgħaddu minn ħafna tbatija. Jaqilgħu swat, xokkijiet, daqqiet ta' sieq, ta' ponn u ta' vireg, u anke jitħallew bil-ġuħ. S'intendi dan it-"trejning" aħna ma narawhx għax ma jsirx quddiem in-nies. Imma xorta nafu x'isir għax hemm min iffilmjahom bil-moħbi. L-annimali jinħaqru ħafna sa ma jitgħallmu jagħmlu l-bużullotti.

Għalhekk jekk tħobbu l-annimali tmorrux iċ-ċirklu.

Barra l-moħqrija fit-trejning, l-annimali jbatu wkoll waqt il vjaġġi minn belt għal oħra, minn pajjiż għal ieħor. Ġranet sħaħ maqfulin ġo gaġeġ żgħar, mijiet u mijiet ta' kilometri fuq ferroviji u vapuri, jixxenglu u jitbandlu, skossi u brejkijiet. Ġiraffa li jmissu qiegħda għall-kwiet tomgħod xi werqa għad-dell u għaż-żiffa taħt akaċja fis-savanna Afrikana... u minflok, qiegħda msakkra u marbuta bi ħbula u ktajjen ġo vagun dejjaq, mudlam, storbjuż u jinten pesta.

Ħbieb, jekk tħobbu l-annimali tmorrux ċirkli tal-annimali.

Nawguralkom Milied kollu ferħ u vaganzi tal-ġenn.

Victor

**Victor Falzon**
L-Editur




Victor Falzon

## mal-faċċata



Il-**blonġun sekond** (black-necked grebe) huwa għasfur li narawh l-iktar fix-xitwa. Il-blonġuni jħobbu postijiet b'ilma kalm u baxx, u l-aħjar biex tara xi wieħed huma r-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar. Hemm ma jfixkilhom ħadd.

Ritratt ta' Victor Falzon

## X'għandna?


| | |
|---|---|
| Editorjal | 2 |
| Aħbarijiet | 3 |
| Mid-dinja | 4 |
| X'hemm ġdid? | 4 |
| X'nista' nara tgħid? | 5 |
| X'jikbru u x'jikbru! | 5 |
| Dal-Milied... | 5 |
| Fejn morna (rapport) | 6 |
| Fejn ħa mmorru (ħarġa) | 6 |
| Paġni POSTER Nru 3 | |
| Festa ta' Frott! | 7 |
| Ittra lill-Editur | 8 |
| Intervista ma' fjura | 8 |
| Għadajjar tal-Ilma Ħelu | 9 |
| Agħti kulur | 10 |
| Arti u ritratti | 10 |
| Tgħidx ħmerijiet! | 11 |
| Ntietef tan-Natura | 11 |


## il-kumitat

Kathleen Mamo (kap) • Jason Aloisio • Fleur Bugeja • Desirée Falzon • Nikki Falzon • Victor Falzon

## il-kuntatt

indirizz
**BirdLife Malta**
**57/28 Triq Abate Rigord**
**Ta' Xbiex XBX 1120**
tel **21347644 / 21347645 / 21347646**
imejl **info@birdlifemalta.org**
imejl tal-magażin
**il-huttafa@birdlifemalta.org**
websajt **www.birdlifemalta.org**

## il-klabb

Klabb Ħuttaf huwa t-taqsima ta' BirdLife Malta għall-membri ta' taħt it-18-il sena. Il-Klabb jorganizza ħarġiet fil-kampanja, żjarat f'riservi naturali, mixjiet, ħarġiet bil-lanċa, u nagħmlu wkoll xogħol ambjentali. Kull xahrejn noħorġu wkoll il-magażin *Il-Ħuttafa* li l-membri jirċievu d-dar bil-posta. Bħalissa fil-Klabb qegħdin xi 1000 membru. Sħubija fi Klabb Ħuttaf hija €7 fis-sena.

BirdLife MALTA

©BirdLife Malta, Diċembru 2011
Disinn u produzzjoni Victor Falzon
Stampat għand Poulton's Print Shop

# Miskin il-Malvizz

Denis Cachia



**Malvizz**
Song Thrush

Fl-aħħar ħarġa jekk tiftakru ħabbarnielkom li dis-sena mhux se jsir insib għall-għasafar. Imma ftit wara li ħriġna l-magażin, il-gvern reġa' bdielu u ddeċieda li jħalli l-insib għall-imlievez. Mela issa barra eluf ta' kaċċaturi joqtlu gzuz ta' mlievez, hemm ħafna nassaba qed jaqbdu l-ftit li jibqa'. Miskin il-malvizz. Mhux biss, għax bl-iskuża li taparsi qed jonsbu għall-malvizz ħafna nassaba qed jaqbdu wkoll għasafar tal-għana u pluvieri. U dan huwa kontra l-liġi

Il-BirdLife qed tiċċekkja ħafna mnasab u tirrapporta u anke tiffilmja kull każ fejn issib nassaba jiksru l-liġi. B'hekk ngħinu lill-pulizija biex jaqbdu lil dawn il-kriminali tan-natura.

F'Novembru biss il-pulizija qabdu **86 nassab** qed jonsob għall-għasafar tal-għana. Dan minbarra dawk li leħqu ħarbu sa ma waslu l-pulizija, u min jaf kemm mijiet oħrajn li ma nafux bihom.

Jekk taraw min jikser il-liġi tal-kaċċa u l-insib, ċemplu lill-pulizija (ALE **22942161/2/3** jew **21224001**). **DEJJEM** ħallu f'idejn min hu kbir biex iċempel.

# It-Tuneżina

Denis Cachia



Dari l-**Fjamma tat-Tuneżija** kienet speċi rarissma f'pajjiżna. Imma f'dawn l-aħħar snin qed titfaċċa kull sena. Fil-fatt bħalissa l-berdwoċers jafu b'xi erbgħa li donnhom ħa jgħaddu x-xitwa magħna. Dil-ħarifa r-ringers tal-BirdLife anke rringjaw xi tnejn fuq Kemmuna.

aħbarijiet

# Ara ġej iż-ŻRINĠ għalik!



Xi ftit tas-snin ilu xi għaref telaq żrinġ daqsxiex f'għadira żgħira f'Għawdex. Daż-żrinġ bied u żdied u issa f'din l-għadira hemm numru mhux ħażin minnhom. Dan ma kienx iż-żrinġ tas-soltu li naraw fil-widien. Huwa żrinġ ikbar, b'faxxi ħodor fuq dahru, u jagħmel storbju sħiħ. Dan huwa ż-**Żrinġ Għarib** (Levant Water Frog *Pelophylax bedriagae*), annimal li nġab minn pajjiż ieħor. U min tefgħu fl-għadira għamel ħażin ħafna.

Meta ġġib annimal (jew anke pjanta) minn art oħra u titilqu barra, dik l-ispeċi l-ġdida tista' tagħmel ħerba sħiħa mill-flora u l-fawna. Dawn l-istejjer ġraw u għadhom jiġru mad-dinja kollha, u n-nies ma jafux xi ħsara jkunu qed jagħmlu. Per eżempju daż-żrinġ aljen jista' jeqirdilna ż-żrinġ tagħna, għax ikbar minnu sew, jikollu l-ikel kollu u jista' anke jikollu l-imrieżep (tadpoles)! Nisperaw li ma jinfirixx f'widien oħrajn.

Joe Sultana




# Tużżana sħan sħan

Kif jafu dawk li ġew għat-taħwila ta' Novembru, għadna kemm ħriġna **sett stikers ġodda**. B'kollox hemm 12. Dawn ħa nibdew inqassmuhomlkom kull meta tattendu l-ħarġiet tal-Klabb. Qis li dawn twaħħluhom x'imkien fejn jarawhom sħabkom, forsi jitħajru jidħlu huma wkoll fi Klabb Ħuttaf.




Fil-ħarġa li għaddiet qassamna **Numru 1**, u fil-ħarġa li jmiss se nqassmu **Numru 2**. Tgħid min se jgħaqqad is-sett l-ewwel?

**Dawn l-aħbarijiet tajbin biex tużawhom l-iskola fl-attività JUNIOR JOURNALIST (Dinja Waħda)**

Dinja Waħda hija kampanja edukattiva ambjentali li qed titmexxa fl-iskejjel primarji minn BirdLife Malta u Bank of Valletta

X'għandna mid-dinja?



Il-Gola malimbe huwa għasfur rari ħafna li jgħix fil-Gola Forest




Ħippo Nanu

# Park mimli natura



Fi **Sierra Leone**, pajjiż fl-Afrika tal-Punent, għadhom kemm ħolqu l-Gola Forest National Park, medda foresta li fiha iktar minn darbtejn daqs il-Gżejjer Maltin.

Fil-Gola Forest instabu jgħixu mhux inqas minn 327 speċi ta' għasafar u 518 speċi ta' friefet, uħud ġodda għax-xjenza. F'dil-ġenna tal-art jgħixu wkoll ċimpanżì u xadini oħrajn, u tgħix ukoll popolazzjoni ta' **ħippo nanu**, speċi li qiegħda fil-periklu li ssir [1]estinta. Jekk tispiċċa dil-foresta, ċaw ċaw il-ħippopotamu, iċ-ċimps, l-għasafar u l-friefet. Klabb Ħuttaf jgħid prosit lill-gvern ta' Sierra Leone talli ħa dan il-pass għaqli.



In-Northern Bald Ibis huwa tip ta' velleran.

# Flieles u tama



F'dawn il-ġranet is-**Sirja** qed tissemma' ħafna fl-aħbarijiet minħabba l-inkwiet u l-irvellijiet li qed isiru hemmhekk. Imma bħal kull pajjiż ieħor, is-Sirja għandha l-ambjent naturali tagħha, u hemm ukoll nies li qed jaħdmu biex isalvaw annimali rari. Wieħed minn dawn l-annimali huwa tip ta' velleran jgħidulu **Northern Bald Ibis**, l-iktar għasfur rari fil-Lvant Nofsani. Għal ħafna snin kienu ħasbuh li sparixxa għal kollox, imma mbagħad sabu grupp żgħir ta' sebgħa fis-Sirja. Sa dis-sena kien baqa' biss tlieta, imma tnejn minnhom huma par, u b'xorti tajba (u ħafna protezzjoni) s-sajf li għadda faqqsu u rabbew żewġ flieles. Dawn issa kibru u passew (ħadd ma jaf fejn). It-tama tan-naturalisti hi li dawn il-frieħ jerġgħu lura u jrabbu familja huma wkoll. B'hekk forsi n-numru ta' vellerani jerġa' jibda jikber.

BirdLife International qed tgħin ħafna f'dal-proġett.

- 33 qarn tar-rinoċeront
- 758 ċopstik tal-avorju
- 127 brazzuletta tal-avorju



Dan kien it-total ta' kutrabandu li nqabad fid-dwana ta' **Hong Kong** ftit ġimgħat ilu. Kienu moħbijin f'kontejner li kien ġej mill-Afrika t'Isfel. Iċ-Ċina hija l-iktar pajjiż fid-dinja li jikkonsma partijiet ta' annimali, fosthom speċi rarissmi. Mhux talli fiċ-Ċina hemm biljun ruħ, imma ħafna minnhom jemmnu b'mediċini maġiċi li biex tagħmilhom trid għadam tat-tigri, qrun tar-rinoċeront, snien tal-iljunfanti, milsa tal-orsijiet, eċċ. Ħafna minn dawn huma kontra l-liġi.

# X'hemm ġdid?

*Annimali u pjanti li nstabu ġodda dan l-aħħar*



## Walter's Duiker *Philantomba walteri*

Is-soltu meta jsibu annimali ġodda, dawn ikunu annimali żgħar - xi żrinġ jew insett - għax faċli jinħbew. Mhux soltu li tiskopri ċerv ġdid. Imma fejn hemm foresti u ġungli folti u mudlama, anke annimal kbir jista' jistaħba. Fil-fatt ftit ġimgħat ilu sabu speċi ġdida ta' antilopu fil-foresti tropikali ta' Benin, Togo u Niġerja (pajjiżi fl-Afrika tal-Punent). Proprjament kienu diġà jafu bih dan l-antilopu, imma kienu qed jaħsbuh speċi li tixbħu, għax ix-xjenzati kienu għadhom ma studjawhx sew. Imma issa huma ċerti li dan l-antilopu huwa speċi ġdida, u tawh isem ġdid: Walter's Duiker. Semmewh hekk għan-naturalist li kien sab l-ewwel wieħed. Mhux xi annimal daqs baqra, tafux. Għoli biss xi 40ċm, jiġifieri ftit iktar minn qattus!

[1]**estint** = annimal jew pjanta li jkunu nqerdu għal kollox minn x'imkien, jew anke mid-dinja (bl-Ingliż *extinct*).

## X'Nista' Nara Tgħid?

jikteb **Jason Aloisio**

# Kuluvert

**Mallard** *Anas platyrhynchos*

Fl-Ewropa l-Kuluvert huwa borka komuni ħafna, u ssibu kull fejn hemm l-ilma, imqar qalb il-bini fl-ibliet il-kbar. Għalkemm jippreferi l-ilma ħelu, jinstab ukoll fil-baħar f'bajjiet kennija. Imma f'Malta ma tantx hu komuni. Jidher biss fi żmien il-passa (l-aktar fil-ħarifa) u fix-xitwa. Barra mill-Ewropa, jinstab ukoll fl-Amerka, fl-Asja u fl-Afrika ta' Fuq. Minn dil-[1]borka fil-qedem tnisslu l-papri domestiċi li jitrabbew fl-irziezet għall-ikel. Iddaħħlet mill-bniedem fl-Awstralja u fi New Zealand, fejn żdiedet ħafna u qiegħda toħloq problemi għall-papri tal-post.

Il-Kuluvert ifittex l-ikel billi jferkex fit-tajn, fuq l-art jew fl-ilma b'munqaru. Jiekol żrieragħ, pjanti u frott żgħir kif ukoll insetti u bebbux tal-ilma. Ir-raġel imlewwen sew, u r-ras ħadra tispikka ħafna; il-mara tkun kannella. Il-bejta ġeneralment jibnuha fl-art. Il-frieħ trabbihom il-mara weħidha, għax qabel ma l-bajd ifaqqas, ir-raġel jitlaq u jingħaqad fi qtajja ma' rġiel oħrajn.




Victor Falzon




It-tpinġija meħuda mill-ktieb **Għasafar Madwarna**, li huwa miktub apposta għat-tfal. Dal-ktieb jiswa €5 u tista' tixtrih mingħand il-BirdLife jew billi żżur ir-riservi naturali tal-Għadira jew Is-Simar.

# X'jikbru u x'jikbru !



Victor Falzon

Is-siġar u l-arbuxxelli ġewwa Foresta 2000 qed jikbru tajjeb u b'saħħithom. Issa qed jidhru wkoll anke fir-ritratti tas-satellita. Fittxuhom fuq Google Earth!




# Dal-Milied...

Fi żmien il-Milied inżidu ħafna tiżjin fid-djar tagħna biex inżidu mal-ispirtu tal-festi. Ħafna minn dat-tiżjin ikun fih affarijiet li jixegħlu, bħall-presepji, il-Bambin, is-siġra, u kwiekeb fit-twieqi. Dawn kollha affarijiet sbieħ, imma biex ma ssirx ħela fil-vojt, ikun tajjeb kieku ma nħalluhomx mixgħulin il-lejl kollu. Idea tajba kieku dawn id-dwal inqabbduhom ma' tajmer ħalli jintfew weħidhom. It-tajmer jiffrankalna li noqogħdu niftakru nitfu u nixegħlu. Tinkwetawx li fid-dlam Father Christmas ħa jaħbat mal-għamara, dak fid-dlam jara daqs qattus :) :)

[1]**borka** = papra selvaġġa

attività

# Fejn morna

jirrapporta Gabriel Apap


Kathleen Mamo

Kulħadd jippoża ħdejn is-siġra li ħawwel!

Il-Ħadd 13 Novembru 2011 morna l-ħarġa ta' Klabb Ħuttaf sa Foresta 2000. Konna xxurtjati għax it-temp inzerta sabiħ wara ġimgħa maltemp. Iltqajna quddiem ir-riserva naturali tal-Għadira u wara erba' kelmiet mingħand il-Leader Kathleen, morna fid-daħla tal-Foresta. B'kollox konna iktar minn 30 ruħ bejn membri, familji u leaders. Dħalna flimkien u mxejna ftit sakemm wasalna fejn konna se nħawlu s-siġar li kien ġabilna Ray ir-rejnġer. Stajna nagħżlu bejn **ballut**, **żnuber** jew **riħan**, u wħud minna ħawwilna aktar minn siġra waħda. Ħin minnhom rajna **kamaleonte** jistaħba qalb il-weraq u l-friegħi. Wara li lestejna nħawlu, imxejna ftit aktar u osservajna l-flora ta' madwarna fejn kien hemm ħafna arbuxxelli bħal **deru** u **żagħrun** bi frott tajjeb biex jittiekel mill-għasafar bil-ġuħ wara l-vjaġġ twil tagħhom sa Malta.

Waqafna nistrieħu u nnaqqru xi ħaġa, fejn ilmaħna bejta żgħira taż-**żunżan tax-xehda**. Ersaqna fil-qrib biex narawha imma mhux iż-żejjed li ma jmurx nitniggżu! Kien hemm tifel li sab bejta oħra taż-żunżan, imma kienet abbandunata. Wara naqra, ġejna qrib is-siġar li konna ħawwilna s-sena l-oħra: ħafna minnhom dehru kibru mhux ħażin għalkemm kien hemm ukoll xi ftit li mietu. Inzertajna qatgħa kbira **sturnell** itir u jieqaf jistrieħ fuq siġra kbira. Matul il-mixja lmaħna għasafar oħra, fosthom **pitirrossi**, **għasafar tal-bejt** u **merill**.

Wara nofstanhar ta' gost morna lura d-dar. Iġri tasal il-ħarġa li jmiss ta' Klabb Ħuttaf!

Gabriel Apap (8)


Victor Falzon

Familja **żunżan tax-xehda** qed jibnu l-bejta.

# Fejn ħa mmorru

Desirée Falzon

Ħa mmorru **L-iMġiebaħ**




Parti mill-wied tal-iMġiebaħ

Ilna kċċ ma mmorru sa **Selmun** u **L-iMġiebaħ**. Għalhekk dix-xitwa ħa nagħmlu ħarġa tal-Klabb proprju għal hemmhekk. Dak il-beraħ jagħti għal fuq il-baħar sabiħ wisq, u jnessik għal ftit kemm ngħixu fuq gżira ppakkjata bin-nies u bit-traffiku. L-inħawi ta' Selmun u L-iMġiebaħ hemm diversi ħabitati: hemm **xagħri** u **makkja**, hemm **irdumijiet** u **sisien**, hemm **wied** u **ramla**, hemm anke **bosk** żgħir tal-ballut. Dawn kollha jkollhom flora u fawna differenti, u aħna ħa naqbżu qabża s'hemm ħalli naraw x'naraw. Narawkom, ħbieb!

**data** il-Ħadd 22 Jannar 2012
**niltaqgħu** 9am
**post** quddiem Torri Selmun
**nispiċċaw** xi nofsinhar
**ġibu** (jekk għandkom) tromba, nowtbuk u gajd; u ikel u xorb
**iġġibux** tkaken irqaq!
**merħba** *membri tal-Klabb u l-familji

*Tfal taħt it-8 snin irid jiġi xi ħadd kbir magħhom.




Raymond Galea



Jekk inkunu b'xortina forsi naraw xi **spanjulett** jissaqqar.


Victor Falzon

F'Jannar jibdew jitfaċċaw xi orkidi, bħal din li jgħidulha **dubbiena**.

**1.7kw €6,400** STARTER Power Pack

**2kW €7,400** VALUE Power Pack

**3kW €10,400** ULTIMATE Power Pack

AT ECO GROUP, WE HAVE MADE SOLAR POWER AFFORDABLE. WHAT'S MORE, ANY POWER YOU GENERATE AND DON'T USE IS FED BACK TO THE GRID - ACT NOW, AND THE POWER COMPANY COULD BE PAYING YOU FOR A CHANGE!

**All prices are inclusive of Installation & 18% VAT. Note you can reduce the MRA grant from the Price.**

Register Now & Call on
20998979 or 99998086

Liability Insurance with CHUBB Insurance

Kick Start your Solar Energy

**Warranty**
10 year workmanship & material
12 year 90% minimum power
25 year 80% minimum power
All panel system pack ratings have a +5% tolerance

eco group

Steca
GESOLAR Build and Beyond
TÜV
PV CYCLE

**GREEN is the new BLACK**

www.ecogroup-mt.com

# Jekk tħobb in-natura, dal-ktieb




## GĦALIK !!

Ftit xhur ilu l-BirdLife ħarġet ktieb ġdid. Dal-ktieb fih kull ma nafu fuq l-għasafar kollha li jbejtu Malta, u anke fuq l-għasafar li kienu jbejtu fil-passat.

- Fih 380 paġna
- Bil-kulur minn qoxra sa qoxra
- Fih tagħrif fuq 77 speċi
- Ippakkjat b'iktar minn 470 ritratt
- Miktub minn 4 awturi

Fittex ixtrih qabel jispiċċa...

Il-ktieb huwa qoxra iebsa u jiswa **€33**. Biex tixtrih ċempel lill-BirdLife fuq 21347644/5. Qiegħed ukoll għall-bejgħ mill-Għadira u s-Simar, mingħand il-BDL u minn ħwienet tal-kotba.

Poster Nru 3
Il-Ħuttafa





# Ajkla Bajda

L-Ajkla Bajda (Short-toed Eagle) hija tajra tal-priża kbira u skarsa li tpassi minn Malta. F'dawn l-aħħar snin din l-ispeċi saret rari f'ħafna postijiet.

Ritratt ta' Raymond Galea

# M'għandkomx fejn tmorru l-Ħadd li ġej?

## Aqbżu qabża sa...

Victor Falzon




jew...

Charles Coleiro




Bħalissa jkunu tfaċċaw l-għasafar tax-xitwa bħall-Blonġun Sekond, it-Tiġieġa tal-Baħar, il-Gallozz tax-Xitwa u Ta' San Martin, u qed jistennewkom tmorru tgawduhom fl-ambjent naturali tagħhom. Ma tagħrfux l-għasafar? No problem: fir-riservi naturali ħa ssibu nies mill-BirdLife biex idawrukom u jispjegawlkom. Bla ħlas! Morru s'hemm. Sibtijiet u Ħdud mill-10am sa 4pm kollu tagħkom.










# Festa ta' Frott !

Ħafna pjanti jagħmlu l-frott. Dan jiġġennu għalih ħafna annimali, fosthom l-għasafar. Il-frott huwa ikel importanti speċjalment fix-xitwa meta l-għasafar ma jsibux insetti x'jieklu. Il-pjanta tagħmel il-frott apposta biex jikluhulha l-għasafar. Meta għasfur jiekol frotta, jibla' ż-żerriegħa b'kollox. Iż-żerriegħa tgħaddi minn ġo fih, u terġa' toħroġ meta l-għasfur jagħmel tojlit! U fejn taqa' ż-żerriegħa tista' tinbet u ssir pjanta ġdida. B'hekk gawda l-għasfur għax qata' l-ġuħ bil-frotta, u gawdiet il-pjanta għax firxet iż-żerriegħa tagħha 'l bogħod. Kemm hi tal-ġenn in-natura hux!






















Ritratti tal-frott Victor Falzon, ħlief ir-riħan ta' Jason Aloisio
Ritratt tal-għasafar Aron Tanti

# Ittra lill-Editur...

## Mhux il-gremxul biss...

Għażiż Editur,

Jien jisimni Andrea u noqgħod il-Mosta. Qrajt l-artiklu tal-gremxula fl-aħħar ħarġa ta' *Il-Ħuttafa* u għoġobni ħafna. Inti taf li l-gremxul ta' Filfla m'għandhomx żewġt idnieb, imma kont taf li l-wiżgħa tal-Mosta għandha? Din il-wiżgħa tar-ritratt sibnieha jien u oħti Rebekah d-dar tagħna ġo toqba fil-ħajt ħdejn il-garaxx. Kif rajtha, urejtha lill-Papà u ħadnielha ftit ritratti. Lili għoġbitni ħafna u naħseb li anke inti tiggustaha jekk taraha.

Barra l-għasafar, inħobb ħafna r-rettili u nħobb narahom mill-qrib, imma dejjem inħallihom fejn sibthom. Inselli għalik.

**Andrea Mallia** (8 snin)




Għażiż Andrea,

Grazzi tal-ittra tiegħek u tar-ritratt. Dik il-wiżgħa vera *cool* u naħseb il-membri kollha jaqblu. Jien qatt ma rajt waħda hekk, u għalhekk grazzi talli qsamt din l-esperjenza magħna. Naħseb dik il-wiżgħa mhux l-ewwel darba li waqqgħet denbha, għax l-ebda wieħed miż-żewġt idnieb mhu d-denb l-oriġinali. Forsi tgħix ħajja avventuruża dik il-wiżgħa!

Prosit lilek u lil oħtok tal-interess li tieħdu fin-natura. Komplu osservaw, studjaw u ħudu ritratti tal-għasafar, rettili u l-bqija. Malta għandha ħafna bżonn ta' naturalisti.

L-Editur

## KOMPETIZZJONI POSTER

Ir-rebbieħ tal-Kompetizzjoni Poster kien **Thomas Camilleri** mill-Baħrija, li qata' li l-għasfur tal-poster kien ajkla. Ftit ieħor Thomas jirċievi *pin badge* ħelwa ta' għasfur. Prosit Thomas.







[1]**steppa** = tip ta' ambjent b'art miftuħa b'ħamrija fqira fejn l-iktar li jikber ħaxix, u siġar xejn. Hawn diversi tipi ta' steppa, li tvarja skont il-fond u l-kwalità tal-ħamrija, eċċ. Araw **Il-Ħuttafa** numru 99.

# Intervista ma' Fjura

Desirée Falzon




**X'jismek?**
Jisimni Narċis, u bl-Ingliż jgħiduli *French Daffodil*.

**Jiġifieri inti minn Franza ġabuk?**
Le le, jgħiduli hekk biss, imma jiena Maltija daqsek.

**X'ambjent tikber fih?**
Inħobb beraħ, bħal [1]steppa taflija, raba' mitluq, ġnub tal-għoljiet, basta jkun hemm ftit ħamrija.

**X'għandhom speċjali l-fjuri tiegħek?**
Trid tgħid x'm'għandhomx! Fihom dehra tal-ġenn, u jaqsmulek qalbek bir-riħa tfuħ!

**Inti tkun bil-fjuri s-sena kollha?**
Lanqas xejn, jiena pjanta li nwarrad fix-xitwa. Fis-sajf ma ssibnix b'nemes għax minni tibqa' biss basla taħt il-ħamrija.

**Għandek xi problemi?**
Iva ħijjos! In-nies jarawni sabiħa u jaqtgħuli ħafna mill-fjuri. B'hekk ma jħallunix nagħmel żerriegħa u sirt rari f'xi nħawi ta' Malta.

**Imma inti protetta bil-liġi hux?**
Le, għadni m'iniex protetta, u ma nafx x'qed jistennew!

**Nixtieqlek saħħa u protezzjoni. Grazzi xbin.**



# Għadajjar tal-Ilma Ħelu

Elizabeth Conrad

Alex Casha

Wasalna fi tmiem din is-sensiela, u se ntemmu b'ħarsa lejn ambjent li jiġi u jmur! Dan huwa l-ambjent tal-**għadajjar ta' l-ilma ħelu**.

## Fejn qegħdin?

Malta m'għandniex xmajjar jew għadajjar kbar li jżommu l-ilma ħelu fit-tul. Imma fil-blat insibu ħafna ħofor żgħar li jżommu l-ilma tax-xita għal xi żmien. Peress li l-ilma tax-xita huwa tikka aċiduż, dan ftit ftit imermer u jħaffer il-blat. Insibu ħafna minn dawn il-ħofor qalb ix-xagħri u fil-widien, u dawn jipprovdu ambjent tajjeb għall-ħajja. Tiskanta kif sempliċi għadira ilma f'ħofra fil-blat kapaċi tgħajjex speċi ta' pjanti u annimali, fosthom xi speċi importanti.

## X'jgħix fihom?

Dawn it-tip ta' għadajjar (bl-Ingliż ngħidulhom *freshwater rockpools*) ma jżommux l-ilma s-sena kollha: jimtlew bl-ilma xita fil-ħarifa u x-xitwa, imbagħad jinxfu fis-sajf. Il-flora u l-fawna li nsibu tvarja skont kemm l-għadira żżomm ilma fit-tul. Pjanti tipiċi ta' dan l-ambjent huma l-**Ħarira tal-Ilma**, id-**Damażonju** u l-**Elatine**, tliet speċi rari u fil-periklu li jinqerdu. Per eżempju l-Elatine hija [1]endemika għal Malta u [2]Lampedusa.

Insibu wkoll diversi [3]invertebrati, bħall-[4]**Kopepodu tal-Għadajjar**, il-**Gamblu tal-Għadajjar** u ż-**Żagħrun tal-Ġwiebi**. Speċi rarissma hija l-**Gamblu tal-Elmu**, gamblu ta' madwar 5ċm jew 6ċm b'kulur ħadrani jew kannella, li jgħix fil-qiegħ ta' dawn l-għadajjar.

L-ispeċi ta' dawn l-għadajjar iridu jkampaw mas-sħana tas-sajf. Dan jagħmluh billi jew (a) jitilqu mill-għadira fis-sajf u jirritornaw fix-xitwa, jew billi (b) jgħaddu s-sajf 'reqdin' (*dormant*) fil-ħamrija f'qiegħ l-għadira, imbagħad jinbtu (jekk żerriegħa) jew ifaqqsu (jekk bajd) fix-xitwa.

L-[5]organiżmi kollha li jgħixu f'dan l-ambjent għandhom ċiklu tal-ħajja qasir: iridu jgħaddu mill-fażijiet kollha ta' ħajjithom waqt il-ftit xhur ta' ilma, biex jilħqu jżerrgħu, ibidu jew ikollhom iż-żgħar qabel ma jinxef l-ilma. Barra minn dawn, hemm ukoll speċi li ma jgħixux dejjem fl-għadajjar, imma jżuruhom biss meta jkunu bl-ilma. Jekk tkunu f'wied dix-xitwa, ħarsu mill-qrib lejn dawn l-għadajjar u taraw kemm ikun hemm attività!

Victor Falzon




Il-gamblu tal-għadajjar huwa żgħir u kważi trasparenti. Fih gost tarah jgħum fl-għadajjar tal-ilma ħelu.

## Hemm xi problemi?

Meta tagħmel xita qawwija, din tista' tifforma nixxigħat kbar ta' ilma. Daw jistgħu jħarbtu l-ambjent u jkaxkru ħafna mill ħajja f'dawn l-għadajjar.

Imma bħas-soltu l-ikbar problemi joħloqhom il-bniedem, li spiss jeqred dawn l-għadajjar għal kollox. Diversi meded art fejn dari kien hemm għadajjar qalb il-blat illum inbnew, jew tgħattew bil-ħamrija għall-agrikoltura. Dawn huma proġetti żbaljati għax saru bla ma taw kas l-ambjent naturali li kienu qed jidfnu. Ir-rimi ta' skart fix-xagħri jista' wkoll iniġġes dawn l-għadajjar.

Tkun ħasra kbira kieku minħabba t-traskuraġni, l-egoiżmu u l-injoranza nispiċċaw nitilfu dan l-ambjent u l-flora u l-fawna tiegħu.

[1]**endemika** = speċi li ssibha biss f'post, pajjiż jew reġjun wieħed biss fid-dinja.
[2]**Lampedusa** = gżira Taljana 160km fil-punent ta' Malta; żgħira, xi daqs terz ta' Għawdex.
[3]**invertebrati** = annimali bla xewka tad-dahar, per eżempju insetti, ħniex u granċijiet.
[4]**kopepodu** = annimal żgħir ħafna mir-razza tal-granċijiet u l-gambli.
[5]**organiżmi** = affarijiet ħajjin.

Agħti kulur lill-istampa.



# Vjolin tax-Xitwa

Victor Falzon






# L-Album tan-Natura



Ibagħtulna t-tpinġijiet u r-ritratti li tieħdu tan-natura (mhux pets jew fjuri kultivati) ħalli nġibuhomlkom f'dir-rokna. Basta r-ritratti jkunu veru tagħkom. Ibagħtuhom **jpg** fl-imejl **il-huttafa@birdlifemalta.org**



**Kamaleonti**
Gabriel Apap (8)



**Fras-Servjent**
Timothy Micallef (17)

# ARTITASKYA

Kartun ieħor ta' **Askya Pizzuto** (16)



**GALLOZZ ISWED**

Jekk hemm xi għasfur partikolari li tixtiequ lil Askya tpinġilna kartun tiegħu, iktbulna.

# Tgħidx ħmerijiet!

Desirée Falzon iddur dawra ma' ħmerijiet li nisimgħu fuq l-annimali.




Veru li l-għasafar jibnu l-bejtiet, imma mhux biex jgħixu fihom.

Il-bejta jibnuha biex fiha l-għasfura tbid il-bajd. Hemmhekk iżżommhom sħan u mħarsin mix-xita u mir-riħ sakemm ifaqqsu. Fil-bejta, il-bajd ikun ukoll iktar moħbi mill-predaturi.

Meta jfaqqsu, ħafna flieles jibqgħu fil-bejta għal ftit ġimgħat jew xhur (skont l-ispeċi) sa ma jikbru u jtellgħu r-rix. Wara li jitgħallmu jtiru, il-bejta ma tibqax tesagħhom, u għalhekk jitilquha għal dejjem. Għalhekk fil-ħarifa u fix-xitwa tara ħafna bejtiet vojta. Dawn ma jkunux għadhom qed jintużaw, għax xogħolhom ikun lest. Ftit ftit jiżżarmaw bir-riħ u l-maltemp, u jispiċċaw fix-xejn.

L-għasafar jorqdu barra: fl-arbuxxelli, fis-siġar, fil-ħaxix, fuq ir-ramel, fuq l-ilma, anke fl-arja!

Mhux faċli tkun għasfur...

Joe Sultana




# Ntietef tan-Natura 10

Victor Falzon jagħti ħarsa lejn ħlejjaq żgħar madwarna

## Il-Mell

Il-mell huwa annimal żgħir ħafna, is-soltu mhux iktar minn xi 1mm kollox. Bl-Ingliż jgħidulhom *aphids* imma għandhom ismijiet oħrajn, bħal *greenfly* u *blackfly*, skont ir-razez. Il-ġardinara u l-bdiewa jafu bih sew il-mell. Għaliex? Għax dan jiekol billi jsoff is-sugu tal-pjanti. U mur ara, daqs kemm hu żgħir, kemm jista' jagħmel ħsara? Il-problema hi li l-mell ifaqqas f'numri kbar. Pjanta kultant timtela b'eluf kbar ta' mell, kollha jsoffu u jixorbu, u jistgħu jmarrduha u anke joqtluha. Ħafna mill-bexx li vvinta l-bniedem huwa mmirat lejn il-mell, imma xi bdiewa ndunaw li l-aħjar biex tikkontrollah mhux bil-velenu, imma billi ġġib lil min jieklu! Min jiekol il-mell? Waħda mill-iktar annimali li tiffanga fih hija n-nannakola. Din tixkuma l-mell qisha tirannożawru f'gallinar tat-tiġieġ!










### www.arontanti.com



Websajt mimlija ritratti ta' għasafar, rettili, insetti, pjanti u natura oħra. Xogħol tal-fotografu ħabib tagħna Aron Tanti.

### www.birdlifemalta.org

Fil-websajt tal-BirdLife issib aħbarijiet fuq kull ma tkun qed tagħmel l-għaqda għażiża tagħna, u ħafna tagħrif ieħor.

### www.birdinginmalta.com



Websajt dwar l-għasafar ta' Malta u l-aħjar postijiet fejn tmur berdwoċing. Mijiet ta' ritratti.




# aħna ngħinuk tfaddal

Faddal permezz tal-BOV Young Savers Account u gawdi minn karus b'xejn meta tkun faddalt €100 fil-kont u rati vantaġġjużi ta' imgħax fuq il-flus li ġġemma'. Ġenituri, nanniet, tuturi jew rappreżentanti legali jistgħu jiftħu dan il-kont biex iġemmgħu għal tfal żgħar.

*Impenn lejn is-suċċess tiegħek.*

**BOV YOUNG SAVERS ACCOUNT**
**2131 2020 | bov.com**

Termini u kundizzjonijiet japplikaw.

BOV
Bank of Valletta

Maħruġ mill-Bank of Valletta p.l.c.
58, Triq Żakkarija
Valletta VLT 1130 - Malta

BOV 31992